*Fit-Tribunal Industrijali*

*Fil-Kwistjoni tax-Xoghol*
*bejn:*

*Calleja Godwin*

*u*

*Medichem Manufacturing (Malta) Limited dwar tkeccija allegata li hija ngusta.*

*Decizjoni numru 2108*

*Kaz Nru 2662/JB*

*Illum 28 ta' Ottubru 2011.*

*Chairman Avv Dr Joseph P Bonnici*

## Introduzzjoni

Illi r-rikorrent talab lil dan it-Tribunal jiddikjara li t-terminazzjoni ta' l-impjieg tieghu minn mas-socjeta' intimata ma saritx ghal raguni gusta.

Da parti taghha, is-socjeta intimata allegat li kienu jezistu ragunijiet validi u ghalhekk ghal tali terminazzjoni kienet gustifikata.

**Provi**

Ir-rikorrent apparti li ta' xhieda tieghu ipproduca ukoll lil Nicholas Baldacchino – ufficjal tal-UHM, u Darren Zarb u Renato Camilleri – haddiema bhalu fiz- zmien lir-rikorrent kien jahdem fil-fabbrika.

Is-socjeta intimata ipproduciet lil Yuan Ramon Perez – plant manager u Brian Spiteri – production manager.

Gew esibiti ukoll diversi dokumenti u ritratti in sostenn mal-pretensjonijiet reciproci.

**Konsiderazzjonijiet**

Illi l-gustifikazzjoni da parti tas-socjeta' intimata hija mpernjata fuq it-'track record' u twissijiet moghtija lir-rikorrenti. Da parti tieghu, l-istess rikorrent jippretendi li t-twissijiet lilu moghtija ma kellhomx jaffettwaw l-istess terminazzjoni.

Il-materja ta' twissija ghalkemm mhux provduta legislattivament giet zviluppata fl-istess relazzjonijiet industrijali inkluz fil-ftehim kollettiv u minu gurisprudenza. L-awtur celebri Ingliz Selwyn f' para 12.108 se 12.128 et seq, jistabilixxi d-duttrina Ingliza f' dan ir-rigward u l-applikabilita' taghha. Nostralent giet segwitu l-iskola Ango Sasone. Teziti divergenza kemm effettivament ghandhu jkun in-numru ta' twissijiet u dwar l-gravita' tan-nuqqas tal-impjegat li jirrikjedi ghotja ta' twissija, sia oralment u sia bil-miktub. Vide f' dan is-sens Peter Gravina vs AJ Services Ltd u Paul Mamo vs Vassallo Builders Ltd. L-

awtur Ingliz Hemple and Huggins (Pg 473) jistabilixxi li l-iskop tat-twissija mhux biss li jirrileva n-nuqqas tal-impjegat minn l-aspettattiva li tigi applikata b' konsegwenza ta' sanizjoni aktar gravi f' perjodu ragjonevoli.

Bl-applikkazjoni tal-principju ta' gustizzja naturali, l-impjegat ikollu dritt li jiddefendi ruhu fl-eventwalita' li tali twissija timporta terminazzjini tal-impjieg (vide Sanny Borg vs Malta Fish Farming Ltd u Renato Briffa vs Diplomat Hotel). F' Joseph Grech vs LJC Ltd, l-effett tat-twissija kienet li l-impjegat jirranga l-attitudni tieghu, tigi attirata l-attenzjoni tieghu biex jaltera l- eventwalita komportament tieghu (vide Antoine Baldacchino vs Frans Busuttil & Sons Ltd u Michael Carabott vs A4 Construction Ltd).

Illi gie stabbilit li tali tkeccija trid tkun ta' certa gravi u mhux incident solitarju – jekk daqshekk impellanti li tirrikjedi terminazzjoni immedjata (vide Peter Gravina vs AJ Services Ltd u Emmanuel Bonello vs Tubeline Ltd).

Illi fil-kaz in dezamina, ir-rikorrent inghata diversi warnings ghal infrazzjonijiet simili u regolari kemm verbali u kemm bil-miktub. Dana matul is-sena elfejn u tmienja (2008). Ma kienx jaghmel dak rikjest minnhu relatat mad-dettani mal-posizzjoni tieghu fuq il-lant tax-xoghol, ma wettaqx xogholu kif suppost, ma rrispettax il-proceduri rigward l-igiene fil-'clean area', kien jidhol tard ghax-xoghol jew jiehu brejks twal, kien jipparkja il-karozza fejn mhux suppost u/jew ma kienx jobdi lis-superjuri tieghu.

Illi minn ezami tad-dokumentazzjoni esibita mis-socjeta' intimata jirrizulta ampjament l-istess negattivita mill-lat larorattiv, ta' attitudni u komportament fuq il-post tax-xoghol. Id-'daily report' ghal perjodu l-ewwel (1) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmienja (2008) u

l-wiehed u tletin (31) ta' Marzu tas-sena elfejn u tmienja (2008), issib rikorrenza fil-perjodu tnejn (2) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmienja (2008) u tnejn (2) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmienja (2008). Inghata 'warning' bil-miktub fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmienja. Fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmienja (2008) kellu rapport ta' nuqqas ta' osservanza ta' struzzjonijiet. Fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Settembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) rega' inghata warning bil-miktub dwar nuqqas ripetut ta' igjene fil-plant u safety procedures. Fil-hmistax (15) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) gie infurmat li l-attitudni tieghu baqghet l-istess anzi aggravat ruhha u s-sitwazzjoni saret esasperanti. Gie imsejjah ghal-seduta ta' dixxiplina fis-sittax (16) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tmienja (2008). Fis-sbatax (17) ta' Dicembru 2008, gie infurmat li l-impjieg tieghu gie terminat.

Illi r-rikorrent allega li t-terminazzjoni tieghu gja kienet premeditata waqt laqgha dwar haddiem iehor. Id-diskors kellu jiftiehem li anke l-istess rikorrent kien ser jispicca hazin jekk kien ser ikompli bl-agir tieghu. F' 'Ronald Schaffrath vs Travel TV Plc' u ' Angele Caruana vs Royal Malta Yacht Club', gie stabbilit li f' kaz estrem, il-haddiem kellu jinghata l-opportunita li jressaq il-kaz tieghu, biex jikkontesta x-xilja lilu maghmula stante li fuq il-post tax-xoghol ma kienx jezisti ftehim kollettiv u allura l-procedura ta' dixxiplina mhux stabbilita. Din l-opportunita nghatat f' seduta bejn l-management u l-impjegat debitament assistit bil-fakolta' li jressaq ix-xhieda tieghu.

Dan kollu gie effettwat fil-kaz in dezamina. Veru li l-impjegat ma qabilx mal-konkluzjonijiet tal-principal tieghu – ghalhekk irrikorra quddiem dan it-Tribunal. Pero' ma jfissirx li ma nghatax l-opportunita biex jiddefendi ruhu.

**<u>Konkluzjoni</u>**

It-Tribunal jiddeciedi li t-terminazzjoni tal-impjieg saret ghal raguni valida.

Ghal fini ta' tassazzjoni qed jigi ffissata s-somma ta' hamsin Euro (€50).

(Iffirmat)**Dr Joseph P Bonnici**

***Chairman.***

Vera Kopja

Graziella Spiteri

Ghas-Segretarju